MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 778/2003

***Villa Arrigo Limited***

***vs***

***Paul Schembri***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' April, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm213.85) rappresentanti ammont dovut ghall-ikel provdut u ghal servizzi ta' forniment, kif jidher mill-invoice annessa ma' l-avviz u mmarkata bhala Dokument A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru 2001 u bl-imghax mit-22 ta' Gunju 1998 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Marisa Azzopardi rappresentant tas-socjeta' attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tlettax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm213.85), bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Gunju 1998.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------